## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR RACHEL AQUILINA) V ANEES BADROUSH (KI. 137262A)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28/07/2025**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Lil. Anees Badroush ID. 0137262A

Imwieled: 04/02/1990 LIBYA
Toqghod: 89, TRIQ IL-MIRATUR, FLORIANA

**BILLI inti akkuzat/a talli fit-22 ta' Marzu, 2023 ghal-habta ta' bejn 17:30 hrs u 18:15 hrs quddiem l-istabiliment li jismu 'White Bridge' go Triq Repubblika, Valletta soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni JES019;**

1. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan **Sec 15(1)(a)(3), Chap. 65**
2. Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, ghal uzu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-ohra minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. **Sec. 3(1), Chap. 104**
3. Bhala persuna volontarjament ksirt il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u storbju jew b'mod iehor **Sec. 338(dd), Chap. 9**
4. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni. **Art. 15(1)(a)(3), Chap. 65**
5. Waqt li kont qed issuq, inqast li jkollok kontroll shih tal-vettura **Reg. 68, L.S. 65.11**
6. Soqt l-imsemija vettura bil mutur minghajr ma kont qed taghmel uzu mic-cinturin tas-sigurta' **Reg. 3, L.S. 65.12**
7. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bla kont. **Art. 15(1)(a)(3) Chap. 65**

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Il-Qorti qrat l-affidavit ta' PS 2344 Abigail La Ferla kif ukoll ir-rapport tal-okkorrenza, fliet il-filmati minn fuq ic-CD esebit mill-Uffiċjal Prosekutur apparti li semgħet ix-xhieda ta' Rodianne Cassar, Genesi Cassar u Jes Hatherly. It-testimonjanza tal-aħħar tlett xhieda ma xeħtet l-ebda dawl fuq l-akkadut. Mill-affidavit ta' PS2344 irriżulta illi fost affarijiet oħra illi l-Pulizija ma laħqitx qabdet l-argument li seħħ bejn il-persuni involuti iżda ġiet innutata vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JES 019 tal-għamla TOYOTA b'diversi ħsarat fuqha li twaqqfet mill-Pulizija u li skont PS 2344 *"kienet misjuqa minn BADROUSH, ANEES detentur tan-numru tal-karta tal-identita' 0137262A".* Fl-istqarrija tiegħu li ta lill-Pulizija wara li ġie mgħarraf bid-drittijiet spettanti lilu skont il-liġi, l-imputat ammetta biss li kien bilqiegħda ħdejn *"Charlie tal-Haxix"* flimkien ma ċertu Sven Mangion fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, meta f'daqqa waħda waslet vettura griża jew bajda li minnha ħarġu tlett persuni u nqalgħet ġlieda bejniethom fejn hu prova jiddefendi lil Sven Mangion. Huwa sostna li ma saq l-ebda vettura u ma riedx iwieġeb jekk kellux liċenzja tas-sewqan.

Fit-trattazzjoni tiegħu l-abbli avukat difensur qajjem dubbji dwar kemm PS 2344 irnexxielha tidentifika lill-imputat bħala s-sewwieq tal-vettura in kwistjoni kif ukoll dwar il-validita' tal-istqarrija tiegħu. Fir-rigward tal-aħħar punt il-Qorti filwaqt li tqis li għandu raġun għaliex ir-rinunzja tal-imputat għad-dritt li jkun assistit minn avukat qabel u waqt l-interrogatorju ma ġietx iffirmata minnu quddiem tlett xhieda (inkluż l-Uffiċjal Investigattiv) – iżda biss quddiem żewġ xhieda – kontra dak li jiddisponi l-Art. 355. AUA(6) tal-Kodiċi Kriminali, fl-istess ħin ma tarax kif dak li ngħad fl-istess stqarrija jista' b'xi mod isarraf fi preġudizzju kontra l-istess imputat, jew f'evidenza utli għall-Prosekuzzjoni. Għal din ir-raġuni l-Qorti ma tħossx li hemm għalfejn tiskarta din l-istqarrija.

Dwar l-identifikazzjoni tas-sewwieq huwa minnu li PS 2344 ma kienet xejn feliċi dwar kif saret din l-identifikazzjoni (jekk per eżempju ntalbitx il-karta tal-identita' tal-imputat jew inkella jekk hija jew xi uffiċjal ieħor għarfu lill-imputat peress li huwa magħruf mal-Pulizija) apparti li ma kienetx ċara dwar jekk kienetx hi, jew inkella xi pulizija ieħor, li rat lill-imputat isuq il-vettura in kwistjoni.

M'hemmx dubbju li fuq din l-evidenza biss il-Qorti ma kienetx issib ħtija.

Madanakollu fir-rapport tal-okkorrenza ġie indikat illi ġew elevati filmati mic-CCTV tal-istabbiliment magħruf bħala "White Bridge" ġewwa Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta u li l-inċident ġie maqbud f'tali filmati fejn saħansitra l-imputat jidher isuq il-vettura in kwistjoni. Il-Qorti fliet is-CD li ġie ppreżentat bil-ġurament mill-Ispettur Nicholas Vella fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2023. Fil-filmati intestati 04_20230322175956_part1.mp4 u

04_20230322165957_part2.mp4 jirriżulta b'mod ċar il-mod kif seħħet il-ġlieda bejn l-imputat u l-persuna li kien miegħu fuq naħa u l-okkupanti u s-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBZ 034. Fl-aħħar parti tal-filmat 04_20230322165957_part2.mp4 tidher li l-ġlieda bdiet proprju meta fis-sitta neqsin minuta ta' filgħaxija (17:59 hrs) l-imputat li kien bilqiegħda ma xi persuni quddiem il-"White Bridge" ġewwa Triq ir-Repubblika, Valletta, ra l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBZ 034 tavviċinah li minnha ħarġu numru ta' persuni li bdew jaggredixxu kemm lilu u kemm lil wieħed mill-persuni li kien ħdejh. L-imputat beda biex iddefendi lilu nnifsu iżda imbagħad spiċċa biex jaggredixxi lill-persuni l-oħra b'ħadida li kellu f'idu. Fil-bidu tal-filmat 04_20230322175956_part1.mp4 jidher imbagħad ċar illi fis-sitta u sitt minuti (18.06 hrs) l-imputat daħal fil-vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni JES 019 li kienet ipparkjata faċċata tal-"White Bridge", saq 'l barra mill-parkeġġ 'l quddiem minn fejn kienet wieqfa l-vettura bin-numru BBZ 034, rriversja lura fuqha u telaq 'l hemm bi speed eċċessiv. Minuta biss wara reġa rriversa lura triq sħiħa bi speed pjuttost eċċessiv u reġa mar 'l quddiem fl-istess direzzjoni filwaqt li prova jolqot wieħed mill-persuni li kienu nvoluti fil-ġlieda. Imbagħad żewġ minuti wara jerġa jitfaċċa l-imputat, din id-darba bil-pass, jimxi bla kontroll fit-triq fost il-karozzi bl-arma f'idu waqt li jipprova jara jilmaħx lill-persuni l-oħra.

Fl-*affidavit* ta' Stephen Cachia (Transport Malta) ħareġ li l-imputat m'għandu l-ebda liċenzja tas-sewqan. Naturalment ma tressqet l-ebda prova min-naħa tal-imputat illi huwa kien kopert minn xi polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni għall-użu tal-vettura minnu, minkejja li l-oneru f'dan ir-rigward huwa spustjat fuq id-difiża ai termini tal-Art. 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar il-prova ta' sewqan b'mod traskurat, u bla kont, u kif ukoll dwar is-sewqan b'mod perikoluż il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-sentenza moghtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**' illi:

> "Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat…sewqan bla kont hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi … sewqan perikoluz jirrekjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."

L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jirreferi għal sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. It-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal sewqan "*in a reckless, negligent or dangerous manner*". Pero l-Artikolu 15(2) imbagħad jirreferi għal sewqan "bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż" filwaqt li t-test Ingliż tal-Art. 15(2) jirreferi għal sewqan "*in a reckless or dangerous manner*". Huwa evidenti għalhekk illi bil-kliem "*sewqan bi traskuraġni kbira*" fl-Artikolu 15(2) il-leġislatur ried ifisser "*sewqan bla kont*". L-iskwalifika iktar severa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż imposta fl-Artikolu 15(2) – b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta fl-Artikolu 15(3) – tirrifletti l-gravita' differenti illi l-leġislatur jattribwixxi għal dawn il-modi ta' sewqan.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. Jason Scerri</u>**' (Qorti tal-Maġistrati Kumpilazzjoni Nru.: 1131/13 RM – deċiża 01/11/2018) il-Qorti qalet hekk:

> "Jinghad illi l-kuncett ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont ghalkemm mhux imfissra espressament fil-ligi taghna, huwa identifikabbli mal-kuncett ta' recklessness fil-ligi Ingliza fejn jinsab ritenut illi, sabiex jissussisti l-mens rea ta' recklessness, m'hijiex bizzejjed kondotta merament traskurata jew imprudenti izda wahda li timmanifesta non-kuranza totali ghar-riskji li johloq. Fil-kaz Quinn vs. Cunningham, Lord Justice-General Clyde fisser li sabiex tip ta' kondotta jikkwalifika bhala reckless jehtieg li jigi identifikat:- "… an utter disregard of what the consequences of the act in question may be in so far as the public are concerned."
>
> Il-Blackstone jaghmel referenza ghall-CPS Policy for prosecuting cases of bad driving biex ifisser mil-lenti tal-ligi Ingliza, x'tip ta' sewqan jista' jitqies b'success ghall-finijiet ta' imputazzjoni ta' sewqan perikoluz:- *"… racing or competitive driving; speed which is highly inappropriate for the prevailing road or traffic conditions; aggressive driving, such as sudden lane changes, cutting into a line of vehicles or driving much too close to the vehicle in front; disregard of traffic lights and other road signs, which, on an objective analysis, would appear to be deliberate; disregard of warnings from fellow passengers; overtaking that could not have been carried out safely; driving a vehicle with a load that presents a danger to other road users; where the driver is suffering from impaired ability such as having an arm or leg in plaster, or impaired eyesight; driving when too tired to stay awake; driving a vehicle knowing it has a dangerous defect; … … … or similar, in circumstances where the driver was avoidably and dangerously distracted by that.*
>
> Ferm il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, huwa evidenti li d-differenza bejn l-addebitu tas-sewqan perikoluz u s-sewqan bla kont hija wahda ta' grad fejn, biex ir-recklessness manifestata fis-sewqan tilhaq il-grad ta' sewqan perikoluz, il-kondotta ghandha ggib maghha perikolu ghas-sigurta` tal-pubbliku u/jew proprjeta`. Infatti, jigi osservat ghall-finijiet ta' piena l-legislatur taghna pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa."

Il-Qorti jidhrilha illi l-aġir tal-imputat kien tali li mhux biss huwa *"reckless"* u konsistenti f'sewqan fejn l-imputat b'mod deliberat ħa riskji żejda fis-sewqan tiegħu iżda addirittura

javviċina sew is-sewqan perikoluż peress illi seta' faċilment kien ta' periklu għall-persuna li kien ser itajjar bil-vettura. Madanakollu l-imputat mhux qed jiġi addebitat bl-akkuża ta' sewqan perikoluż iżda bl-akkużi ta' sewqan traskurat u b'manjiera bla kont li ċertament jirriżultaw ppruvati.

Mill-bqija l-akkużi l-oħra – kollha ta' natura kontravvenzjonali – jirriżultaw kollha ppruvati għajr għas-sitt akkuża rigwardanti n-nuqqas tal-użu tas-*seatbelt*, xi ħaġa li l-Qorti ma setgħetx tasal għaliha mill-filmati esebiti, mingħajr dubbju dettat mir-raġuni.

Bħala piena l-Qorti tqis l-imġieba tal-imputat bħala waħda inaċċettabbli u li setgħet faċilment ħalliet riperkussjonijiet serji mhux biss fuq il-persuni involuti fil-ġlieda iżda anke fuq persuni oħra li kienu għaddejjin għall-affari tagħhom viċin il-lok in kwistjoni. Aġir bħal dan ma jistax ħlief jattira l-istmerrija tal-ġustizzja u l-Qorti hija għalhekk tenuta illi tagħti sentenza li tirrifletti dan kollu.

**Deċide**

**Għal dawn ir-raġunijiet, filwaqt li tillibera lill-imputat mis-sitt akkuża fuq nuqqas ta' provi, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 (sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan u sewqan ta' vettura b'manjiera bla kont), l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, l-Art. 338(dd) tal-Kap. 9 u l-Art. 68 tal-L.S. 65.11, issibu ħati tal-bqija tal-akkużi (bir-raba' waħda tkun kompriża fis-seba' waħda) u tikkundannah piena karċerarja effettiva ta' sitt (6) xhur.**

**B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 15(2) tal-Kap. 65 u l-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien erbgħa u għoxrin (24) xahar.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |